MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 619/2012

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

1. Illi l-kontendenti izzewgu fis-16 ta' Jannar, 1997, minn liema zwieg ma twieldux tfal. (Dok A);

2. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba’ snin separati de facto, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

3. Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante li l-partijiet m’humiex obbligati jmantnu lil xulxin;
4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjkara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta’ Jannar, 1997;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Jannar, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat illi il-partijiet ghaddew mill-procedura tal-medjazzjoni illi giet iddikjarata maghluqa fis-17 ta’ Jannar 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin, ghaddew ukoll mill-procedura tal-medjazzjoni illi giet iddikjarata maghluqa;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------